# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 29 ta' Settembru, 2016**

**Kawża Nru 86**

**Ċitazz. Nru. 56/05JRM**

Mario **BORĠ**

vs

**MIDDLESEA INSURANCE p.l.c.** (C – 5553)

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Jannar, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (a) issib li hu kopert b'polza ta' assikurazzjoni tat-tip "*Aquatica*" bin-numru 3209444001 maħruġa minn England Insurance Agency Limited, bħala aġent tal-

kumpannija mħarrka, għall-ħsarat li ġarrbet id-dgħajsa tiegħu tal-għamla *Rascala FM20* reġistrata bin-numru S14543 flimkien mal-mutur *outboard* tagħha tal-għamla *Yamaha 4-Stroke 100HP* fit-2 ta' Settembru, 2003, meta għerqet fi Sliema Creek fuq iċ-ċimi tagħha; u (b) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu l-ekwivalenti fis-somma ta' tmint elef Liri Maltin (Lm8,000[1]) jew somma oħra verjuri bħala ħlas dovut lilu taħt il-polza. Talab ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Lulju 2004, u bl-imgħaxijiet mit-2 ta' Settembru, 2003;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar, 2005[2], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naha tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-18 ta' Frar, 2005, li biha l-kumpannija assikuratriċi mħarrka tilqa' billi tgħid illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Minkejja dan, kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' biss parti mit-talbiet tal-attur, hija ma għandhiex tbati spejjeż billi, qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri mill-attur, hija ressqet offerta bla preġudizzju li kienet tkopri biss parti mill-*claim* li ressaq l-attur, u li din il-kawża saret biss fuq insistenza mill-attur illi huwa kien sofra t-telf fl-ammont sħiħ li qiegħed jitlob. Tgħid ukoll illi, f'kull każ, l-attur irid jipprova d-danni li huwa jgħid li ġarrab u li jintitolah jippretendi kumpens taħt il-polza;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-8 ta' Marzu, 2005[3], flimkien ma' bosta provi dokumentali mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-14 ta' Marzu, 2005[4], bix-xhieda f'affidavit mehmużin magħha;

Rat d-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2005[5], li bih din il-kawża tpoġġiet fil-lista tal-kawżi ta' qabel is-seduta ("*pre-trial*") quddiem l-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Maria Dolores Gauċi;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat it-talba tas-7 ta' Novembru, 2005[6], li biha l-attur talab li l-kumpannija assikuratriċi mħarrka tikkjarifika l-ewwel eċċezzjoni tagħha, għal liema

[1] Li jġibu € 18,635 fi flus tal-lum
[2] Paġġ 31 – 2 tal-proċess
[3] Paġġ. 39 sa 57 tal-proċess
[4] Paġġ. 58 sa 63 tal-proċess
[5] Paġ. 64 tal-proċess
[6] Paġ. 116 – 7 tal-proċess

talba tresqet nota mill-kumpannija assikuratriċi mħarrka fis-17 ta' Novembru, 2005[7];

Rat in-Nota tas-6 ta' Lulju, 2006[8], li biha l-partijiet qablu li għandu jinħatar l-Enginier Daniel Grima bħala perit tekniku sabiex jeżamina d-dgħajsa, liema talba ġiet milqugħa b'degriet tat-3 ta' Awwissu, 2006[9], limitatament għall-aspett tekniku tal-każ;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2006[10], li bih poġġiet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ quddiem din il-Qorti;

Rat it-talba tal-25 ta' Settembru, 2007[11], li biha l-attur talab li l-Enġinier Daniel Grima jiġi sostitwit bil-Kaptan Mark Chapelle, u aktar tard it-talba tat-2 ta' Ottubru, 2008[12], li biha l-partijiet talbu li l-Kaptan Mark Chapelle jiġi sostitwit b'Paul Ebejer, l-aħħar talba tintlaqa' fis-7 ta' Ottubru, 2008[13];

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku Paul Ebejer ippreżentata fit-3 ta' Ġunju, 2009[14], u maħlufa kif imiss fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili fit-22 ta' Lulju, 2009[15];

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Lulju, 2009[16], li bih il-partijiet iddikjaraw li kienu joqogħdu għall-fehmiet milħuqa mill-perit tekniku;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2009[17], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-1 ta' Diċembru, 2009[18];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija assikuratriċi mħarrka fil-15 ta' Jannar, 2010[19],bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[7] Paġ. 127 tal-proċess
[8] Paġ. 151 tal-proċess
[9] Paġ. 155 tal-proċess
[10] Paġ. 159 tal-proċess
[11] Paġ. 165 tal-proċess
[12] Paġ. 179 tal-proċess
[13] Paġ. 180 tal-proċess
[14] Paġġ. 187 – 9 tal-proċess
[15] Paġ. 189 tal-proċess
[16] Paġ. 197 tal-proċess
[17] Paġ. 201 tal-proċess
[18] Paġġ. 202 – 211 tal-proċess
[19] Paġġ. 212 – 4 tal-proċess

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal risarċiment taħt polza ta' assikurazzjoni minħabba telf imġarrab mill-assikurat. L-attur, bħala sid ta' dgħajsa li nstabet mgħarrqa f'qiegħ ta' baħar meta kienet marbuta maċ-ċimi tagħha, jitlob li l-kumpannija mħarrka bħala assikuratriċi tiegħu u taħt il-polza ta' assikurazzjoni li nħarġitilha minnha, tagħtih kumpens għat-telf u l-ħsara li ġarrab. L-attur jgħid illi l-kumpannija assikuratriċi mħarrka qegħda tirrifjuta li tikkumpensah għal dak li ġralu;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija assikuratriċi mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "MSI"), min-naħa l-oħra, tgħid illi l-ġrajja li tat lok għat-talba mill-attur ma hijiex koperta taħt il-polza ta' assikurazzjoni, u għalhekk it-talbiet tiegħu mhumiex mistħoqqa. Minbarra dan, kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' biss parti mit-talbiet tal-attur, hija ma għandhiex tbati spejjeż billi, qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri mill-attur, hija ressqet offerta bla preġudizzju li kienet tkopri biss parti mill-*claim* li ressaq l-attur, u li din il-kawża saret biss fuq insistenza mill-attur illi huwa kien sofra t-telf fl-ammont sħiħ li qiegħed jitlob. Tgħid ukoll illi, f'kull każ, l-attur irid jipprova d-danni li huwa jgħid li ġarrab u li jintitolah jippretendi kumpens taħt il-polza;

Illi bħala **fatti relevanti** illi joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li l-attur huwa s-sid tad-dgħajsa tal-marka *Rascala FM20* reġistrata bin-numru S14543, bit-tagħmir u l-attrezzi kollha tagħha, magħdud il-mutur *outboard* tal-marka *Yamaha 4 stroke 100 HP*. Id-dgħajsa nxtrat f'Awwissu tal-2001 mingħand Jupiter Marine Centre[20] għall-prezz ta' erbat elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm4,800)[21], filwaqt illi l-mutur inxtara għall-prezz ta' tlett elef tliet mija u sitta u tmenin Lira Maltin (Lm3,386)[22];

Illi l-attur ħareġ l-ewwel polza ta' assikurazzjoni ma' MSI dwar id-dgħajsa, l-mutur u l-karru li tinġarr fuqu f'Awwissu tal-2001[23]. Hu reġa' ġeddidha f'Marzu tas-sena 2002, permezz tal-Agent tagħha England Insurance Agency Limited[24] (minn issa 'l hemm imsejha "l-Aġent"), tal-

[20] Dok "MB1", f'paġ. 43 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' Veronica Gauci f'paġġ. 102 – 3 tal-proċess, flimkien mad-dokument "VG" f'paġġ. 93 – 95 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 59 tal-proċess
[23] *Ibid.*
[24] Ara x-xhieda ta' Peter England f'paġ. 106 tal-proċess u dik ta' Melanie Camilleri f'paġ. 78 tal-proċess

għamla "*Aquatica, Yacht and Pleasure Craft Insurance Policy*"[25], għal żmien ta' tliet xhur (3) li jagħlaq fil-11 ta' Ġunju, 2002[26]. Din il-polza reġgħet iġġeddet għal sena b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2003 sat-30 ta' Ġunju, 2004. Fl-aħħar tiġdida, il-valur tad-dgħajsa għal skopijiet ta' assikurazzjoni kien aġġustat għal tmint elef Lira Maltin (Lm 8,000) li, għal erbat elef u mitt Lira Maltin (Lm4,100) minnhom jirreferu għall-valur tad-dgħajsa, filwaqt illi l-mutur kellu valur ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000), waqt li d-disa' mitt Lira Maltin (Lm 900) l-oħrajn jirreferu għall-karru jew xi tagħmir tagħha[27]. Il-polza kienet tkopri wkoll ħarsien minn talbiet minn terzi (li ma humiex rilevanti għall-każ tal-lum) filwaqt li l-ewwel ħamsa u sebgħin Lira Maltin (Lm 75) dwar kull talba milqugħa jitqiesu li kellu jbatihom l-assikurat ("*excess*");

Illi fit-2 ta' Settembru, 2003, waqt li kienet marbuta fuq iċ-ċimi tagħha fix-Xatt tal-Gżira, id-dgħajsa għerqet. L-għada, l-attur daħħal "*claim"* mal-Aġent[28], u d-dgħajsa ttellgħet l-art f'Manoel Island, u ttieħdet il-Mellieħa fejn tnaddfilha l-mutur[29]. Waqt li kienet Manoel Island, sarilha "*survey*" fuq talba tal-Aġent[30] u nstab li d-dgħajsa kienet imxaqqa fil-qiegħ tagħha. Is-Surveyor fir-rapport tiegħu irraporta li "... *the fracture in the bottom of the boat is typical of this type of boat. It indicates a bad manufacturing process. Other boats of this make have been found to be suffering from this type of defect*"[31]. Jirriżulta illi, f'dik is-sena, kien hemm dgħajjes oħra ta' l-istess għamla, marka u żmien li ġarrbu l-istess ħsara[32], u li MSI kienet taf b'dan id-difett[33];

Illi l-attur ġab diversi stejjem tal-ħsarat mġarrba b'rizultat tal-inċident, iżda f'din il-kawża qiegħed jistrieħ[34] fuq l-istimi fl-ammont ta' sitt elef tmien mija u sebgħin Lira Maltija (Lm 6870[35]) li, għal tlitt elef ħames mija u sitt Liri Maltin u ħamsin ċenteżmi (Lm3506.50) minnhom, jirrappreżentaw il-ħsara mġarrba fil-mutur[36] u s-somma ta' tlitt elef tliet mija u tlieta u sittin Liri Maltin u ħamsin ċenteżmi (Lm3363.50) tirrappreżenta l-ħsara li ġarrbet id-dgħajsa[37]. MSI, min-naħa tagħha, kienet lesta li tħallas lill-attur kumpens fl-ammont ta' elfejn disa' mija u

[25] Dok. "A" mehmuż mar-Rikors Maħluf f'paġġ. 6 – 28 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "PE" f'paġ. 102 tal-proċess
[26] Paġ. 30 tal-proċess
[27] Dok. "B" f'paġ. 29 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda ta' Peter England f'paġ. 107 tal-proċess
[29] Ara x-xhieda ta' Vincent Vella f'paġġ. 99 – 100 tal-proċess
[30] Ara x-xhieda ta' Paul Cardona f'paġ. 85 tal-proċess
[31] Dok. "A" f'paġġ. 37 – 8 tal-proċess
[32] Ara x-xhieda ta' Paul Cardona f'paġ. 86 tal-proċess
[33] Ara x-xhieda ta' Patrick Muscat f'paġ. 158 tal-proċess
[34] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 210 tal-proċess
[35] Li jġibu € 16,002.80 fi flus tallum
[36] Dok. "MB4" f'paġġ. 47 – 8 tal-proċess
[37] Dok. "MB2" f'paġġ. 44 – 5 tal-proċess

ħamsa u għoxrin Liri Maltin (Lm2,925) għall-magna[38], filwaqt illi rrifjutat li taċċetta li kellha tagħti kumpens għall-ħsara li ġarrbet id-dgħajsa billi l-ħsara mġarrba qisitha bħala difett moħbi, li kien eskluż mill-polza[39];

Illi l-espert maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma illi sabiex tissewwa d-dgħajsa jeħtieġ nefqa fl-ammont ta' erbat elef u tmien mitt euro (€4,800) minbarra t-Taxxa għall-Valur Miżjud, filwaqt li d-dgħajsa fil-kundizzjoni li kien raha ma taqbiżx id-disa' mitt euro (€ 900)[40];

Illi fit-13 ta' Lulju 2004[41], l-attur bagħat jitlob lil MSI b'ittra uffiċjali sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tal-ammont dovut lilu taħt il-polza ta' assikurazzjoni;

Illi fl-24 ta' Jannar, 2005, infetħet din il-kawża;

Illi **l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali** li jsawru l-każ iduru fuq it-tifsira u l-applikabilita' tal-polza ta' assikurazzjoni li fuqha l-attur jistrieħ biex iressaq 'l quddiem it-talba tiegħu għall-kumpens taħt l-istess polza;

Illi **dwar il-mertu tal-każ** ma hemm l-ebda dubju li, fil-każ preżenti, l-attur kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar id-dgħajsa tiegħu flimkien mal-mutur li kienet mgħammra bih. Lanqas ma huwa kontestat li, dak inhar li seħħet l-għarqa, dik il-polza kienet għadha fis-seħħ. Dak li qegħda tikkontesta MSI huwa li l-ġrajja li wasslet lill-attur li jressaq "*claim*" kontra tagħha ma hijiex ġrajja koperta bil-polza u għaldaqstant, fir-rigward tal-ħsara li ġarrbet id-dgħajsa, ma għandha tagħti l-ebda kumpens għar-riskju assikurat;

Illi b'mod partikolari, MSI ma tallega bl-ebda mod li l-attur ġab ruħu magħha b'mod li taha xi tagħrif li mhuwiex minnu jew li qarraq biha meta talab li jkun assikurat. Fi kliem ieħor, MSI ma tressaqx id-difiża li mhijiex aktar marbuta bil-polza li ħarġet, imma li ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għarqa tad-dgħajsa joħolqu dik li fid-dritt hija msejħa "*an excepted risk*";

Illi l-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ x'jghidu wħud mid-dispożizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni li nħarġet mill-attur f'dawk l-aspetti rilevanti għall-eċċezzjonijiet imressqa minn MSI. Għalkemm id-dokument huwa kemm

[38] Ara x-xhieda ta' Melanie Camilleri f'paġ. 78 tal-proċess, dik ta' Peter England f'paġ. 108 tal-proċess u d-dok. "MB9" f'paġ. 54 tal-proċess
[39] Ibid paġ. 80 tal-proċess. Ara wkoll klawsola 4.A.4 f'paġ. 12 tal-proċess
[40] Relazzjoni tal-Perit Tekniku Paul Ebejer f'paġ. 189 tal-proċess
[41] Dok. "MB8" f'paġ. 53 tal-proċess

fl-ilsien Malti u kif ukoll f'dak Ingliż, il-polza tagħmilha ċara[42] li l-verżjoni Maltija "*qed tingħata biss għall-konvenjenza ta' l-assikurat.. u l-kuntratt bl-ebda mod m'għandu jiġi interpretat b'referenza għal din il-verżjoni*". F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn verżjoni u oħra, tirbaħ il-verżjoni fl-ilsien Ingliż;

Illi jirriżulta li fost ir-riskji koperti bil-polza maħruġa favur l-attur, hemm telf jew ħsara mġarrba lill-bastiment b'riżultat ta' inċident inkluż, fost oħrajn, difett moħbi[43]. Din tidher li hija l-klawsola ġenerika li tfisser x'għamla ta' ħarsien ("*insurance cover*") jingħata taħt polza ta' dik l-għamla. Iżda l-istess polza, fid-dispożizzjoni li tirregola l-esklużjonijiet għat-Taqsima 3.A, issemmi bħala waħda miċ-ċirkustanzi fejn hija ma tħallasx, l-ispejjeż marbuta ma' tiswija jew bdil ta' xi parti mill-bastiment li jinsab li kellha xi difett moħbi[44]. Din il-klawsola hija eċċezzjoni għall-klawsola ġenerika li tfisser il-ħarsien mogħti bil-polza;

Illi, dwar il-kumpens, il-kuntratt jgħid li l-polza tkopri l-bastiment sas-Somma Totali Assigurata kif imniżżla fiċ-Ċertifikat ta' Assikurazzjoni[45];

Illi biex wieħed iqis sewwa l-kontestazzjoni li teżisti bejn il-partijiet f'din il-kawża, ikun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa wieħed alejatorju, fejn il-qligħ jew it-telf għaż-żewġ partijiet, jew waħda minnhom, huwa magħmul jiddependi minn ġrajja li mhijiex żgura[46]. Din il-ġrajja li mhix ċerta tikkostitwixxi l-aspett tar-riskju assikurat, li huwa element ewlieni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, għaliex jikkonsisti fil-possibilita' ta' ġrajja li ġġib magħha telf ekonomiku lil min iġarrabha u li dwarha dik il-persuna tkun assikurat ruħha bil-ħlas tal-*premium* u l-ħruġ tal-polza. Fil-kuntratt taħt eżami, ir-riskju titgħabba bih il-kumpannija assikuratriċi, bħala l-korrispettiv tagħha tal-obbligazzjoni tagħha fil-kuntratt[47]. Din tieħu s-sura ta' obbligazzjoni każwali li tiddependi minn ġrajja ta' bla ħsieb li ma tkunx fis-setgħa la tad-debitur u lanqas tal-kreditur[48];

Illi f'ċirkostanzi normali u taħt ir-regola ġenerali, meta sseħħ dik il-ġrajja jitnissel l-obbligu tal-assikuratur li jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-assikurat. Sakemm ma joħroġx li l-assikurat kellu sehem f'dik il-ġrajja jew iffaċilita li sseħħ, l-assikuratur huwa mistenni li jħallas l-indenniżż

[42] Klawsola 5W f'paġ. 28 tal-proċess
[43] Klawsola 3.A.1 f'paġ. 19 tal-proċess
[44] Klawsola 4.A.4 f'paġ. 23 tal-proċess
[45] Klawsola 3.A.1 f'paġ. 19 tal-proċess
[46] Art. 964 tal-Kap. 16
[47] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Sammut vs. Middle Sea Insurance p.l.c.***
[48] Art. 1053(1) tal-Kap. 16

miftiehem. Bl-istess mod, fejn il-ġrajja li tkun seħħet hija eskluża fil-polza, l-assikuratur mhux mistenni li jħallas l-indenniżż miftiehem. Dan ta' l-aħħar għandu jinftiehem fil-kuntest tar-regola ġenerali oħra fil-qasam tal-assikurazzjoni fejn l-obbligu tal-ogħla *bona fidi* bħala wieħed mill-pilastri tal-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa meqjus li jgħabbi lill-partijiet kollha f'dak il-kuntratt. Bħalma huwa l-obbligu tal-assikurat li jagħmel stqarrija sħiħa u mingħajr ħabi ta' kull fatt materjali li dwaru l-assikuratur irid iqis jekk jagħtix ħarsien għar-riskju taħt il-polza, hekk ukoll l-assikuratur irid jimxi bl-ogħla *bona fide* mal-assikurat. Ingħad li tali obbligu huwa mistenni mhux biss fil-waqt li jkun qiegħed jissawwar il-kuntratt, iżda wkoll fl-eżekuzzjoni tal-istess[49], u fit-tifsir li jingħata lill-kuntratt waqt li l-assikuratur ikun qiegħed iqis il-"*claim*" imressqa mill-assikurat[50];

Illi wieħed irid iħares lejn x'kienet il-kawża tal-għarqa tad-dgħajsa. Huwa mgħallem li "*it is not sufficient in order that an insured should recover for a loss, that the loss falls within the cover provided as a matter of construction or definition. He must also show that the loss was proximately caused by an insured peril. The proximate cause does not, however, mean the last cause, but the effective or dominant or real cause. Working out what is the proximate cause in any situation is strictly a question of fact....*"[51]. Il-kejl tal-qies hu li l-kawża tal-ħsara mġarrba kienet "*proximate in efficiency*"[52];

Illi meta wieħed jiġi biex ifisser u japplika l-kliem ta' polza, irid jagħmel dan skond il-prinċipji ġenerali dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti, b'mod partikolari l-artikoli 1005, 1006, 1008 u 1009 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi fir-rigward ta' eċċezzjonijiet fil-polza ta' assikurazzjoni li ddejjaq jew tnaqqas il-ħarsien mogħti band'oħra fl-istess polza, huwa mgħallem li "*in the general law, exceptions are construed strictly against the profferor. In the case of ambuguity, insurance exceptions are interpreted against the insurer, not, however, because there is anything more objectionable about exceptions than other terms of the contract but because the entire contract is usually drafted by the insurer*"[53]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tifhem l-argument tal-attur fin-Nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[54] u tagħmlu tagħha. Kemm hu hekk, waħda mir-regoli stabiliti tat-tifsir tal-

---

[49] ***Banque Keyser Ullmann SA vs. Skandia (UK) Insurance Company Ltd*** (1986) 1 QB 665 (CA)
[50] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Bajada et vs. Middle Sea Insurance Co. Ltd***; P.A. RCP **31.10.2007** fil-kawżafl-ismijiet ***Andre' Scerri pro et noe vs. Lloyds (Malta) Limited noe*** (mhux appellata)
[51] John Birds, Modern Insurance Law (2nd Edition), paġ. 185
[52] Ara ***Leyland Shipping Co Ltd. Vs. Norwich Union Fire Insurance Society Ltd*** (1918) A.C. 350
[53] Malcolm A Clarke The Law of Insurance Contracts (2nd Edit.) §19 – 1C f'paġ. 463
[54] Paġ. 205 tal-proċess

kuntratti tal-assikurazzjoni tipprovdi li, f'każ li frażi f'polza ta' assikurazzjoni tkun tista' titfisser f'iżjed minn mod wieħed jew hija ambigwa, dik il-frażi għandha titfisser *contra proferentem*, jiġifieri kontra dik il-parti li fasslitha u favur il-parti l-oħra. Fir-rejalta' tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, dan ifisser li, x'aktarx iva milli le, it-tifsira li tingħata trid tkun favur il-parti assikurata, ladarba l-kuntratt jitfassal u jitħejja mill-assikuratur biss;

Illi huwa minħabba f'dan li jingħad ukoll li "*Since exceptions are inserted in the policy mainly for the purpose of exempting the insurers from liability for a loss which, but for the exception, would be covered by the policy, they are construed against the insurers with the utmost strictness. It is the duty of the insurers to except their liability in clear and unambiguous terms*."[55] Fil-kliem inċisiv tal-imħallef Farwell (L.J.) fil-kawza **Etherington and Lancashire and Yorkshire Accident Insurance Co., (1909) 1 K.B. 591, C.A.:** "*Where there are clear words which prima facie import liability on the part of the company, and it is said that their effect is cut down by a subsequent proviso, I think we are bound to see that the terms of the proviso are clear and not repugnant*";

Illi dawn ir-regoli joħolqu wkoll regoli oħrajn dwar il-piż tal-prova. Dan jingħad għaliex il-kontinġenza li tnissel it-talba tal-parti assikurata li dwarha jkun hemm eċċezzjoni fil-polza, titlob li jkun hemm tqassim dwar il-grad jew piż tal-prova bejn l-assikurat u l-assikuratur tiegħu. Kollox jidher li jiddependi minn jekk l-eċċezzjoni hijiex waħda idjaq mill-klawsola ġenerika tal-ħarsien mogħti taħt il-polza jew jekk inkella tkunx usa' minn tali klawsola. Għalhekk, "*if the scope of the exception is narrower than the scope of cover, it is enough that the insured has proved that the loss was caused by a peril that is covered. It is for the insurer, if he can, to show that the loss was caused by the exception. … If, unlike the specific exception the exception is general, that is, the exception qualifies the whole scope of the cover, the insured cannot make a case against the insurer, unless he brings himself within the promise as qualified: he must prove not only the operation of the peril but also the non-operation of the exception*"[56];

Illi minn qari taż-żewġ klawsoli tal-polza mertu tal-kwestjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża, il-Qorti tasal għall-fehma li l-klawsola 3.A.1 tal-polza tagħti ħarsien usa' mill-eċċezzjoni għaliha li tinsab fil-klawsola 4.A.4 tal-istess polza. Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt li l-klawsola

[55] Hardy Ivamy, General Principles of Insurance Law, (3rd edition, London, 1975) paġ. 244
[56] M.A. Clarke *op. cit.* §§ 16 – 3C1 – 16 – 3C2, f'paġ. 373

ġenerika (3.A.1) titkellem dwar assikurazzjoni "kontra r-riskji kollha ta' telf jew ħsara fiżika kkaġunati minn kull xorta ta' kawża aċċidentali inklużi serq, difett moħbi jew att negliġenti jew malizzjuż ta' xi persuna sakemm dan l-att negliġenti jew malizzjuż u t-telf jew ħsara kkaġunata minnu jsiru tul il-perijodu kopert minn din l-assigurazzjoni u suġġett biss għall-eċċezzjonijiet u kwalifiki mniżżlin f'Taqsimiet 4 u 5", il-klawsola eċċezzjoni (4.A.4) titkellem dwar nuqqas ta' ħlas għal tiswija jew bdil ta' xi parti minn bastiment li kellha difett mistur …". Minn tqabbil ta' dawn iż-żewġ klawsoli, il-Qorti tara li l-eċċezzjoni tirreferi għan-nefqiet biex tissewwa jew tinbidel xi parti mill-bastiment assikurat jekk ikun milqut minn difett mistur, imma ma xxejjinx il-ħarsien ("*cover*") mogħti bil-klawsola ġenerika li biha l-assikurat jitlob il-kumpens għall-valur assikurat tal-istess opra tal-baħar bla ma jitlob rimbors għan-nefqiet għat-tiswija jew bdil tal-partijiet. Kemm hu hekk, l-attur ma jippretendix rimbors għat-tiswija jew tibdil fil-partijiet tad-dgħajsa, imma ħlas ta' kumpens billi jqis li b'dak li ġralha d-dgħajsa tiegħu ma huwiex għaqli li wieħed jidħol f'nefqa biex isewwiha ("*beyond economical repair*") u li għalih intilfet għal kollox ("*total loss*");

Illi filwaqt li min-naħa tiegħu, l-attur f'din il-kawża jisħaq li t-telf u l-ħsara b'riżultat ta' difett moħbi huwa kopert bil-polza bil-klawsola 3.A.1 (il-ġenerika), l-eċċezzjoni għal difett moħbi taħt il-klawsola 4.A.4 (l-eċċezzjoni), ma xxejjinx il-klawsola l-oħra. Jgħid ukoll illi kemm-il darba jinqala' dubju, dan għandu jinqara favur l-assikurat. L-attur jargumenta li l-polza ġiet imġedda xahrejn biss qabel ma għerqet id-dgħajsa, filwaqt li l-MSI kienet ilha taf b'dan id-difett ferm qabel (minħabba dak li ġara f'dgħajjes oħrajn tal-istess għamla) u xorta aċċettat li ġġeddidlu l-polza[57];

Illi min-naħa tagħha, MSI tilqa' għall-argumenti tal-attur billi tgħid illi l-esklużjoni tar-riskju fil-klawsola 4.A.4 huwa ċar u ma jħalli ebda dubju. Li skond l-użu, hija qatt ma setgħet tagħmel tajjeb għal ħsarat li jirriżultaw minn difett moħbi billi l-ħsarat huma riżultat ta' riskju li mhuwiex maħsub, sewwasew għaliex difett bħal dak ikun moħbi. Għar-rigward tax-xilja mressqa mill-attur marbuta mal-għarfien illi hija seta' kellha tad-difett moħbi, MSI tgħid illi d-difett ma kienx ikun moħbi li kieku kienet taf bih[58];

Illi fid-dawl tal-prinċipji hawn fuq imsemmija u mill-provi li joħorġu mill-atti, il-Qorti ssib li l-kawża prossima tal-għarqa kien il-fatt illi l-bini tad-dgħajsa sar b'mod ħażin. Dan ġie saħansitra konfermat mill-Espert

[57] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Attur f'paġġ. 204 – 8 tal-proċess
[58] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka f'paġġ. 212 – 4 tal-proċess

Tekniku mqabbad mill-Qorti fir-Relazzjoni tiegħu meta jgħid illi "*din it-tip ta' ħsara tiġri minħabba bini ħażin tad-dgħajsa*"[59]. Taħt l-għamla tal-polza li kienet inħarġet dwar id-dgħajsa tal-attur ("*Aquatica Yacht & Pleasure Craft Insurance Policy*"), il-ħsara li ġarrbet id-dgħajsa b'riżultat ta' difett moħbi għandu jitqies bħala parti mill-periklu assikurat, għaliex il-kliem espress tal-klawsola ġenerika ma tagħti l-ebda tifsira oħra għall-kliem 'difett moħbi'. Minbarra dan, mhuwiex xieraq li klawsola f'kuntratt titħalla tinġieb fix-xejn bi kliem ta' klawsola oħra fl-istess kuntratt, billi l-liġi trid li l-klawsoli f'kuntratt għandhom jinftehmu li jfissru dik il-ħaġa li biha jista' jkun hemm effett għall-ftehim milħuq milli dik il-ħaġa li biha ma jista' jkun hemm l-ebda effett[60];

Illi b'żieda ma' dan kollu, il-Qorti ssib li l-attur seħħlu jressaq il-prova b'mod sodisfaċenti illi MSI kienet taf b'dan id-difett, ma qaltlux bih u aċċettat li ġġeddidlu l-polza minkejja li kienet taf illi f'każ li jseħħ dak li fil-fatt ġara, hija kienet ser isserraħ fuq l-esklużjoni taħt il-klawsola 4.A.4;

Illi dan iwassal għalhekk biex il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi għandha tintlaqa' għaliex tirriżulta ġuridikament fondata, filwaqt li t-tielet eċċezzjoni ta' MSI ma tistax tintlaqa' għaliex l-attur seħħlu juri li ġarrab il-ħsara li jsemmi sewwasew minħabba l-ġrajja li dwarha huwa kien assikurat;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-ammont ta' kumpens mistħoqq għat-telf imġarrab mill-attur,** jingħad li l-partijiet huma marbutin b'dak li tistabbilixxi l-polza. F'dan ir-rigward, il-kuntratt jgħid li l-polza tkopri id-dgħajsa sas-somma totali assigurata kif imniżżla fiċ-Ċertifikat ta' Assikurazzjoni[61];

Illi taħt l-iskorta tal-prinċipju ewlieni tad-dritt assikurattiv dwar l-indennita', l-assikurat irid jitqiegħed f'qagħda ekonomika li kien ikun fiha kieku l-periklu ma seħħx. B'mod partikolari, l-assikurat ma jistax jistagħna bis-saħħa ta' polza ta' assikurazzjoni jew jagħmel qligħ minnha. Għalhekk, l-ammont li l-assikurat jista' jippretendi li jitħallas wara li jseħħ l-inċident huwa l-ammont ta' tnaqqis fil-prezz li ħaġa ġġib fis-suq bejn dak li kienet tiswa qabel l-inċident u dak li seħħ fl-inċident[62]. Dan ifisser ukoll li l-parti assikurata mġarrba ma tistax toqgħod b'għama fuq il-valur assikurat u tippretendih awtomatikament meta tressaq talba għal kumpens taħt il-

[59] Relazzjoni tal-Perit Tekniku Paul Ebejer f'paġ. 189 tal-proċess
[60] Art. 1004 tal-Kap 16
[61] Klawsola 3.1.1 f'paġ. 8 tal-proċess
[62] App. Inf. PS **4.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Camilleri vs Middlesea Insurance p.l.c.***

polza[63]. Il-parti assikurata trid turi kemm tabilħaqq kienet tiswa l-ħaġa li dwarha hija titlob il-ħlas ta' kumpens;

Illi mill-provi jirriżulta illi qabel l-inċident, id-dgħajsa kellha l-valur assikurat erbat elef u mitt Lira Maltija (Lm4,100)[64], u l-mutur tagħha kellu valur assikurat ta' tlitt elef Lira Maltin (Lm 3,000). Il-karru u t-tagħmir l-ieħor assikurat kien jitla' għal disa' mitt Lira Maltin (Lm 900). F'din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob kumpens dwar id-dgħajsa u l-mutur biss. Mill-kostatazzjonijiet tal-perit imqabbad mill-Qorti, il-valur tad-dgħajsa wara l-inċident niżel għal disa' mitt euro (€900)[65], filwaqt li l-mutur hemm qbil li ma kien jiswa xejn aktar ġġaliex il-ħsara fuqu kienet totali. Għaldaqstant, bi tħaddim ta' dan il-prinċipju u fil-limiti ta' dak li tgħid l-istess polza, l-ogħla ammont li l-attur jista' jirċievi bħala kumpens għat-telf li ġarrab huwa ta' sittax-il elf, ħames mija tmienja u tletin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€16,538.55), ekwivalenti għas-somma ta' sebat elef u mitt lira Maltin (Lm7,100);

Illi, kif ingħad qabel, l-attur qiegħed jippretendi b'kollox kumpens ta' sittax-il elf u tliet euro (€ 16,003) bejn il-valur tad-dgħajsa u l-mutur tagħha;

Illi minħabba li l-Qorti waslet għall-fehma li l-ewwel talba attriċi jistħoqqilha tintlaqa' isegwi li l-pretensjoni magħmula mill-attur fit-tieni talba tiegħu jixraq li tintlaqa' wkoll. F'dik it-talba huwa semma somma partikolari (li tirrappreżenta l-valur sħiħ assikurat għad-dgħajsa, l-mutur u t-tagħmir tagħha) jew somma anqas verjuri, u matul is-smigħ tal-kawża ħareġ li baxxa l-pretensjoni tiegħu skond l-aktar stima baxxa li kellu f'idejh u li taqa' sewwa fil-parametri tal-valur assikurat;

Illi ta' min jgħid li MSI fl-ebda waqt tal-kawża ma ikkontestat li l-valur assikurat tad-dgħajsa jew tal-mutur tagħha ma kinux valuri xierqa jew tas-suq;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba attriċi wkoll u tillikwida l-kumpens li MSI trid tagħmel tajjeb għalih lill-attur fis-somma ta' sittax-il elf u tliet euro (€ 16,003);

Illi l-attur jitlob ukoll l-**imgħax legali** mit-2 ta' Settembru, 2003, jiġifieri minn dakinhar ta' meta seħħet il-ġrajja li wasslet għall-għarqa tad-

[63] P.A. GCD **18.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Grech vs Atlas Insurance PCC Ltd*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**6.2.2015**)
[64] Dok. "B" f'paġ. 29 tal-proċess
[65] Ara r-Relazzjoni tal-Perit Tekniku f'paġ.189 tal-proċess

dgħajsa. Min-naħa tagħha, fit-tieni eċċezzjoni tagħha MSI targumenta li, ladarba hija kienet offriet (bla preġudizzju) li tikkumpensa lill-attur għall-valur tal-mutur, ma jistħoqqilhiex terfa' l-ispejjeż tal-kawża;

Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni ta' MSI l-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, l-offerta kienet magħmula bla preġudizzju u, fit-tieni lok, ma kenitx segwita mit-tqegħid ta' dik is-somma b'depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti. Fit-tielet lok, intwera li l-attur għamel sewwa li ma aċċettax offerta li kellha tkun għas-saldu ta' kull pretensjoni tiegħu dwar id-dgħajsa u l-ħsara li ġarrbet, għaliex kieku kien ikollu jirrinunzja għal kumpens li, f'din is-sentenza, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li jixraqlu jitħallas taħt il-polza. Fir-raba' lok, il-fatt waħdu li MSI setgħet offriet lill-attur xi ammont ta' kumpens ma jnaqqas xejn mir-rabta li kellha taħt il-polza u kienet din il-kwestjoni ewlenija li hija baqgħet sal-aħħar tikkontesta u li minħabba fiha l-attur kellu jiftaħ din il-kawża;

Illi għalhekk il-Qorti ma tistax toqgħod fuq it-tieni eċċezzjoni bħala waħda tajba fil-liġi u fil-fatt;

Illi dwar il-pretensjoni tal-attur għandu jingħad li huwa ressaq talba ("*claim*") mill-ewwel u bla tnikkir mal-Aġent li, min-naħa tiegħu, mexxa l-pretensjoni tal-assikurat quddiem MSI. Huwa minnu li l-ewwel darba li l-attur interpella ġudizzjarjament lil MSI b'att ġudizzjarju kien f'Lulju, tal-2004, imma dan ma jfissirx li l-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tal-imgħax mhix mistħoqqa sa minn dakinhar li ressaq il-"*claim*" tiegħu. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-fatt li l-obbligazzjoni tal-kumpens imnissla minn kuntratt ta' assikurazzjoni hija obbligazzjoni kummerċjali li dwarha jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistabilixxi l-ħlas tal-imgħax *ipso jure* minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita[66];

Illi ta' min itenni li l-kwestjoni li nqalgħet bejn MSI u l-attur ma kenitx waħda ta' nuqqas ta' prova jew ħtieġa ta' likwidazzjoni tal-ħsara mġarrba, għaliex l-attur mill-ewwel ta lill-assikurat tiegħu tagħrif dwar il-pretensjoni tiegħu taħt il-polza. L-assikuratur ma daħalx fil-mertu tal-ammont tal-pretensjoni, għaliex sa mill-bidu jidher li qajjem il-kwestjoni dwar jekk l-għarqa tad-dgħajsa tal-attur kenitx ċirkostanza li dwarha l-polza maħruġa minnha ma kenitx toffri kumpens lill-assikurat;

---

[66] App. Ċiv. **6.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Grech vs Atlas Insurance PCC Ltd*** u s-sentenzi hemm imsemmija f'dan ir-rigward

Illi għalhekk, ladarba, l-pretensjoni tal-attur kienet jew setgħet kienet determinabbli qabel ma kellu jasal biex jiftaħ din il-kawża, joħroġ li l-pretensjoni tiegħu li jingħata kumpens u l-imgħax fuqu b'seħħ minn dakinhar li ressaq it-talba hija waħda tajba u xierqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi hija mistħoqqa u ssib li l-attur kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar id-dgħajsa tiegħu meta seħħet il-ġrajja li dwarha huwa jitlob li jitħallas kumpens;

**Tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka għaliex ma humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur is-somma ta' sittax-il elf u tliet euro (€16,003) bħala kumpens imġarrab minnu taħt il-polza dwar l-għarqa tad-dgħajsa tiegħu assikurata mal-kumpannija mħarrka, flimkien mal-**ispejjeż tal-kawża** u l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-2 ta' Settembru, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**29 ta' Settembru, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Settembru, 2016**